# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 448/2022 JPG**

**Kawza Numru :  22**

**DM**

**U**

**TM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' DM u TM datat 25 t'Awwissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn (02) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) gewwa Malta – certfikat taz-Zwieg anness bhala Dokument 'A';*

*Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremediabilment fi Frar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn il-partijiet isseparaw de facto u ghalhekk il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn sitt (6) xhur;*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Amanda Grech data it-tmienja u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (28/02/2022) – kopja anness bhala Dokument 'B'.*

*Illi m' hemm l-ebda kwistjoni dwar  manteniment jew arretrati tal-istess;*

*Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;*

*Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn imsemijja r-rikorrenti umilment jitolbu lill-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fit-tnejn (02) ta' Marzu 2013 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A (1) Kapitolu 16;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal datat 24 ta' Novembru 2022 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DM xehed** (vide affidavit fol 16) illi l-partijiet zzewgu nhar it-2 ta' Marzu 2013 gewwa Malta u li minn dan iz-zwieg kellhom tifel li ghadu minorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment fi Frar 2022 u li kien dak iz-zmien li ma baqghux jghixu flimkien. Fil-fatt sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 28 ta' Frar 2022 fl-atti tan- Nutar Dr Amanda Grech. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda

obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**TM xehdet** (vide affidavit fol 17) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Marzu 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 283/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Amanda Grech nhar it-22 ta' Frar 2022 (vide Dok B fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 283/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**